Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Il-President

Is-Sur David McAllister
President
Kumitat għall-Affarijiet Barranin
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' pakkett wiesa' ta' ftehimiet għall-konsolidazzjoni, l-approfondiment u l-espansjoni tar-relazzjonijiet bilaterali mal-Konfederazzjoni Żvizzera (10643/2025 – C10 0075/2026 – 2025/0162(NLE))

Sur President,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali ngħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-Kumitat tiegħek u ddeċieda li jibgħat din l-opinjoni fil-forma ta' ittra.

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali eżamina l-kwistjoni u, waqt il-laqgħa tiegħu tal-15 ta' Lulju 2026, iddeċieda li jippreżenta l-opinjoni stabbilita hawn taħt lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli.

Dejjem tiegħek,

Li Andersson

OPINJONI

Il-Kumitat għas-Saħħa Pubblika jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, jirrakkomanda l-approvazzjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' pakkett wiesa' ta' ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, biex jiġu kkonsolidati, approfonditi u estiżi r-relazzjonijiet bilaterali tagħhom, u li temenda d-Deċiżjonijiet 2011/51/UE u 2011/738/UE.

Ġustifikazzjoni qasira

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jilqa' l-pakkett wiesa' ta' ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera, li jipprovdi qafas stabbli u bbilanċjat għall-iżvilupp ulterjuri tar-relazzjonijiet bilaterali. Il-pakkett jikkontribwixxi għaċ-ċertezza legali, isaħħaħ il-kooperazzjoni f'oqsma ta' interess reċiproku u jiżgura l-funzjonament kontinwu ta' rabtiet ekonomiċi u soċjali mill-qrib bejn l-Unjoni u l-Iżvizzera.

Il-Kumitat jissottolinja li l-moviment liberu tal-persuni jibqa' pedament tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Iżvizzera u jinnota l-importanza li tinżamm mobbiltà ġusta tal-forza tax-xogħol filwaqt li jiġu żgurati t-trattament ugwali u n-nondiskriminazzjoni għall-ħaddiema. F'dan ir-rigward, il-Kumitat jilqa' d-dispożizzjonijiet li jipprevedu allinjament dinamiku mill-Iżvizzera dwar l-atti legali attwali u futuri tal-Unjoni fil-qasam tal-moviment liberu tal-persuni u l-istazzjonar tal-ħaddiema, immirati lejn is-salvagwardja tad-drittijiet tal-ħaddiema, il-prevenzjoni tad-dumping soċjali u l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi permezz ta' mekkaniżmi effettivi ta' monitoraġġ u infurzar.

Il-Kumitat jisħaq ukoll l-importanza ta' koordinazzjoni robusta tas-sistemi tas-sigurtà soċjali, li tiffaċilita l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol filwaqt li tiżgura protezzjoni soċjali adegwata għall-ħaddiema mobbli u l-membri tal-familja tagħhom. F'dan ir-rigward, jilqa' b'mod partikolari l-fatt li l-Iżvizzera se jkollha aċċess u se tikkontribwixxi finanzjarjament għas-sistemi ta' informazzjoni tal-EURES, tal-EESSI u tal-IMI. Jenfasizza wkoll il-valur ta' kooperazzjoni kontinwa fl-oqsma tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-iżvilupp tal-ħiliet u l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol.

Il-Kumitat iqis li l-pakkett joħloq bilanċ xieraq bejn l-approfondiment tal-kooperazzjoni u l-preservazzjoni ta' standards soċjali u tax-xogħol għoljin. Għalhekk, huwa jappoġġja l-konklużjoni tal-ftehimiet u jappella għall-implimentazzjoni effettiva tagħhom b'rispett sħiħ tal-acquis tal-Unjoni, ir-rwol tas-sħab soċjali u d-drittijiet soċjali fundamentali.